MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Numru. 456/2011

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Jamie Caruana, iben John Mary, imwieled Pieta' fis-17 ta' Novembru, 1978, Karta ta' l-Identita numru 46079(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
a. talli fis-27 ta' Marzu, 2011 għal ħabta tal-4.00 p.m. ġewwa Triq George Tayar, San Gwann, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' PS157 Brian Mifsud u PC750 Terry James Mallia, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi jew ibezzgħa fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PS157 Brian Mifsud u PC750 Terry James Mallia;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 443 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija, liema ħsara ma tisskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
d. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PS157 Brian Mifsud, skont ma ċċertifika Dr. Asdrian Cordina M.D. mill-Poliklinka tal-Floriana;
e. talli fl-istess data, ħin u lok ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija;
f. talli fl-istess data, ħin u lok kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' PS157 Brian Mifsud u PC750 Terry James Mallia kif jidrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2011 fejn il-partijiet qablu li l-ħsara li għamel l-imputat hi ta' €466.67.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 325(1)(b) u 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat

ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.  Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €466.67 lill-Korp tal-Pulizija fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, hu rakkomandat li l-imputat ma jitlifx l-impieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------